# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Deċiżjoni numru 2346

Każ numru 3125/JHP

Fil-kwistjoni tax-xogħol

bejn

Vincent Zahra
(ID 119990M)
u
Integrated Business Systems Ltd
(C18440)

dwar tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta

**Chairman: <u>James Henry Pearsall</u>**

**Illum l-Erbgha 21 ta' Jannar 2015**

1. **Ir-referenza tal-każ:**

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota ta' rikors ppreżentata minn Vincent Zahra - Reġistru tal-Qorti Superjuri nhar it-13 ta'Mejju 2013 fejn sostna li t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu ma kinitx għal raġuni valida skont l-ATT tal-2003 dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali. (Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta)

Min-naħa tas-soċjetà intimata, f'dikjarazzjoni li għamlet, datata il-15 ta' April 2014, ċaħdet bil-qawwa l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet tar-rikorrenti bħala infondati. It-Tribunal ħa konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-każ kif ppreżentati miż-żewġ partijiet, żamm sitt seduti, sema' x-xhieda mressqa miż-żewġ naħat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ħa inkonsiderazzjoni l-argumenti kif ippreżentati fit-trattazzjoni finali.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeċiedi dan il-każ fiż-żmien kif stabbilit mil-liġi minħabba numru ta' diferimenti mitluba mis-soċjetà intimata kif ukoll ċirkustanzi amministrattivi li l-istess Tribunal m'għandux kontroll fuqhom.

2. **Ir-rappreżentanza:**

**2.1** Vincent Zahra, li minn issa 'l quddiem ser jissejjaħ ir-rikkorrenti kien megħjun mill-Avukat Matthew Paris.

**2.2**I Integrated Business Systems Ltd, li minn issa 'l quddiem ser tissejjaħ is- soċjetà intimata, kienet irrappreżentata mill-Avukat Marlon Borg u mill-Avukat Edward Mizzi.

3. **Il-fatti tal-każ fil-qosor:**

Ir-rikorrent beda l-impjieg tiegħu mas- soċjetà intimata fil-15 ta' April 2011 fil-kariga ta' *Analyst Programmer* 'a bażi' *fulltime* u fuq kuntratt definit ta' sentejn.
Fil-8 ta' April, 2013 saret laqgħa bejn ir-rikorrent u s-Sur Timothy Camilleri, ir-rappreżentant tas- soċjetà intimata, fejn ir-rikorrent informa lil min iħaddmu li ma kellux intenzjoni li jibqa' jaħdem miegħu appena jiskadi l-kuntratt.
Matul din il-laqgħa kien hemm nuqqas ta' qbil bejn ir-rikorrent u s-Sur Camilleri fir-rigward tas-suppost data tat-terminazzjoni tal-kuntratt tal-impjieg.
Wara din il-laqgħa, ir-rikorrent ta l-ittra ta' riżenja, datata t-8 ta' April 2013, li fiha ġie indikat li hu ser itemm l-impjieg tiegħu fil-25 ta' April 2013 kif indikat fl-istess kuntratt ta' impjieg.
Filwaqt li l-intimat ipprova jikkonvinċi lir-rikorrent sabiex jibqa' fl-impjieg, anke jekk sal-1 ta' Lulju 2013, dan irriżulta fin negattiv. L-intimat irrisponda lir-rikorrent, li jekk hu tant insistenti, seta' jitlaq minnufih.
Mal-pront ir-rikorrent qabad ħwejġu u telaq mill-post tax-xogħol tiegħu.
L-għada r-rikorrent reġa' daħal għax-xogħol fejn talab lill-intimat sabiex jagħtih l-ittra li kien keċċieh. Wara l-insistenza min-naħa tar-rikorrent, l-intimat talbu sabiex jitlaq mill post tax-xogħol, kif fil-fatt għamel.

4. **Il-lista ta' xhieda:**

**4.1** Xhieda mressqa mir-rikorrent (Darren Micallef; Glen Farrugia; Melvin Cachia s-segretarju NEA)

5. **Il-lista ta' dokumenti:**

**5.1** Ġew ippreżentati numru ta' dokumenti min-naħa tal-intimat immarkati Doc 1; 2; 3; 4; kif ukoll kopja ta' dokumenti tat-terminazzjoni mill-impjieg, ikkonfermata mill-ETC.

6. **Ġabra fil-qosor tax-xhieda:**

**6.1** **Avv Marlon Borġ** għas- soċjetà intimata *"__________ filwaqt illi naqblu u ma hemmx kontestazzjoni li l-kuntratt kien għal terminu ta' sentejn, m'aħniex naqblu minn meta beda _______"* (is-seduta tas-16-04-14, pġ 1)

**6.2** **Avv Matthew Paris għar-rikorrent "_____________***effettivament it-terminazzjoni kif kienet proposta mill-klijent tiegħi ma kinetx fit-tmienja ta' April imma datata fit-tmienja ta' April però qiegħed jindika*

*b'mod ċar ħafna li t-terminazzjoni se tispiċċa fil-ħamsa u għoxrin t'April elfejn u tlettax kif tabilħaqq qiegħed il-kuntratt.___________"* (is-seduta tas-16-04-14, pġ 2)

**6.3 Melvin Cachia, segretarju tal NEA** *"_ aħna l-bord jara prima facie kif inhi s-sitwazzjoni imma ma jidħolx fin in fondo tal-każ eżatt per se, biex jara fuq liema binarju tar-reġistrar se jitfa' lill-individwu."* (is-seduta tal-10-09-2014, pġ 2)

**6.4 Vincent Zahra, ir-rikorrent: "_____***inizjalment, ir-reazzjoni tas-Sur Camilleri kienet waħda fejn beda jipprova jikkonvinċini nibqa', biddel l-attitudni u qalli li l-kuntratt ma kienx jispiċċa f'April iżda f'Lulju _______ għalhekk is-sur Camilleri qalli biex nitlaq dak il-ħin stess______"*

**7. Is-sinteżi tat-trattazzjoni tal-każ:**

**7.1 Avv Matthew Paris għar-rikorrent:** Elenka li l-partijiet jaqblu li l-kuntratt kien wieħed ta' natura definita għall-perjodu ta' sentejn, mill-2011 sa 2013, bid-differenza li n-naħa tar-rikorrent isostni li l-kuntratt jagħraf il-bidu tal-impjieg bħala dak tal-25 ta' April 2013 filwaqt li n-naħa tas-soċjetà intimata tinsisti li t-terminu tal-impjieg huwa dak ta' Lulju 2013.
L-Avv Matthew Paris jistaqsi " ______*Kien hemm dismissal effettiv?? Iva jew Le? Jekk iva, irridu nistabbilixxu d-data ta' meta saret."*

**7.2 Avv Edward Mizzi għas-soċjetà intimata:** Jispjega l-interpretazzjoni tiegħu rigward it-tifsira tad data tal-impjieg effettiv, iġifieri jekk hiex dik ta' April 2011, kif miktuba fil-kuntratt tal-impjieg kif maħsub mis-soċjetà intimata, jew inkella mid-data ta' meta l-istess soċjetà rreġistrat għand l-ETC lir-rikorrent li beda l-impjieg tiegħu, bid-data ta' Lulju. Hu wkoll għamel distinzjoni ta' jekk ir-rikorrent kienx f'impjieg meta huwa mhux qed jaħdem erbgħin siegħa kontinwa kif ukoll x''tip ta' doveri wieħed ikun irid jagħmel sabiex jikklassifika li kien veru f'impjieg.
Hu jispjega jekk jistax wieħed jirriżenja u wara jgħid li hu kellu ***Dismissal.*** Jew aktar minn hekk U***nfair dismissal.*** Spjega ukoll *"_______li s-Sur Camilleri kien qallu lir-rikorrent, biex jitlaq jekk irid jekk hu kien xeba' milli jaħdem, ma qallux mill-ewwel itlaq minn hawn_________".*
Hu jagħlaq billi jirritjeni li r-rikorrent irriżenja mill-kariga tiegħu u abbanduna l-post tax-xogħol tiegħu għax qabad u telaq.

**8. Il-kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal:**

It-Tribunal fil-kunsiderazzjonjiet tiegħu jinnota li filwaqt li r-rikorrent kien issottometta ittra ta' riżenja mill-impjieg u wara għamel talba lit-Tribunal Industrijali fuq tkeċċija inġusta, it-tribunal seta' jħares lejn din it-tkeċċija kieku t-talba tar-rikorrent kienet waħda ta' *Constructive Dismissal*, għax dan mhux il-każ, fejn ir-rikorrent kien qiegħed jiġi ttrattat ħażin u ma kellux triq oħra ħlief li bilfors jirriżenja.
It-Tribunal ma jistax jinjora l-fatt li r-rikorrent issottometta, l-hekk imsejħa ittra ta' riżenja datata t-8 ta' April 2013 li fiha talab sabiex itemm l-impjieg tiegħu fil-25 ta' April 2013, għeluq is-sentejn mid-data kif elenkata fil-kuntratt tal-impjieg tiegħu.

It-talba għall-bidla fir-raġuni tat-terminazzjoni tal-impjieg minn dik ta' riżenja għar-raġuni oħra, kif saret quddiem l-NEA kienet spejagata tajjeb mis-segretarju tal-NEA li din kienet saret biss sabiex ir-rikorrent ikun jista' jirreġistra fuq Part 1 tar-reġistru tal-qgħad. L-NEA la daħlet u lanqas tista' tidħol fil-mertu jekk it-tmiem tal-impjieg kienx wieħed ġustifikat o meno.

It-tribunal innota sew mix-xhieda tar-rikorrent, li qal "_______*mort id-dar,tkellimtha ma' missieri u ommi u qal li aħjar titolbu ittra għax joqgħod jiġi bil-problemi.*" (is-seduta tat-8 10-2014, pġ 22, ripetuta f'paġna 23).

Dan l-istess Tribunal ma jistax ma jinnotax, li is-soċjetà intimata qatt ma kkontestat mar-rikorrent, kemm rigward l-attendenza fuq il-post tax-xogħol, rigward id-data kif indikata fil-kuntratt tal-impjieg tiegħu, kif ukoll fuq il-kwalità ta' doveri li r-rikorrent għandu jesegwixxi, sta jekk huma ta' taħriġ jew ta' xi proċess speċifiku. Għalhekk it-Tribunal ma jistax ħlief li jara u jimxi mat-termini kif kienu stipulati fil-kuntratt tax-xogħol tar-rikorrent.

It-Tribunal jinterpreta dan l-aġir tar-rikorrent bħala li ma kienx qiegħed jaħseb iżda kien qiegħed jaġixxi. u dan minħabba r-raġuni li hu kien deċiż li mhux ser iġedded il-kuntratt. Fil-fatt hu ssottometta ittra ,hekk imsejħa ta' riżenja, li fiha informa li mhuwiex ser iġedded il-kuntratt.

Minn naħa l-oħra s-soċjetà intimata meta rat l-insistenza tar-rikorrent li ma jġeddidx il-kuntratt tax-xogħol tiegħu, wara talbiet sabiex jibqa', saru il-kummenti "______, *tkellimna ftit aktar speci ta' għidtlu jekk inti hekk, fil-kas titlaq issa. Dak is-sens.____________ hu kien telaq dak inhar, ippakkja u telaq.*"(is-seduta 14-05-2014, pġ 4)

Dawn il-fatti jorbtu ma' dik li hija responsabbilità fl-impjieg u dan jgħodd kemm għal min jimpjega kif ukoll għall-impjegat.

Lil hinn mill-interpretazzjoni ta' dak li ntqal bejn il-partijiet, il-fatt jibqa' li l-impjieg ġie fi tmiemu nhar it-8 ta' April 2013, meta l-kuntratt tax-xoghol kien jintemm nhar il-25 ta' April 2013.

**8. Id-deċiżjoni:**

It-Tribunal Industrijali wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet, evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, kif ukoll ħa inkunsiderazzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet, jaqta' u jiddeċiedi li dan kien każ ta' tmiem prematur ta' kuntratt definit ta' impjieg minn naħa tas-soċjetà intimata. Allura l-liġi tindika ċar li, f'dak il-każ is-soċjetà hija obbligata li tħallas lill-impjegat l-ekwivanenti ta' nofs is-salarju li huwa kien jieħu sa tmiem tal-kuntratt. Iġifieri nofs id-differenza taż-żmien bejn id-disgħa u l-ħamsa u għoxrin ta' April 2013.

Għall-finijiet ta'Avviż Legali 48 tal 1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' 93 euro u 17-il ċenteżmu.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

James Pearsall

Chairman